VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,907, 24 ta' Novembru, 2017
Taqsima B

A.L. 329 tal-2017

KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Regolament tal-2017 dwar l-Elezzjoni ta' Membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 101B tal-Kostituzzjoni, l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għamlet ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2017 dwar l-Elezzjoni ta' Membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati.

Il-Prim Imħallef isejjaħ il-laqgħat tal-Imħallfin u Maġistrati.

2. Meta l-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tagħmel sejħa għall-elezzjonijiet ta' membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati mwaqqaf bl-artikolu 101B tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Imħallef għandu fiż-żmien utli hemm imsemmi, isejjaħ il-laqgħat neċessarji tal-Imħallfin u l-Maġistrati sabiex, separatament, isiru l-elezzjonijiet meħtieġa.

Elezzjoni mill-Imħallfin tal-Qrati Superjuri.

3. L-elezzjoni ta' żewġ imħallfin tal-Qrati Superjuri għandha titmexxa kif ġej:

(a) il-Prim Imħallef u l-Imħallfin li jkunu membri tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja ma jkunux eliġibbli biex ikunu kandidati;

(b) il-Prim Imħallef u kull Imħallef ikollhom vot kull wieħed;

(ċ) il-Prim Imħallef u kull Imħallef jistgħu jivvutaw biss għal kandidat wieħed;

(d) iż-żewġ kandidati li jġibu l-ogħla għadd ta' voti għandhom, diment li kull wieħed minnhom ikun irċieva mill-inqas terz u wieħed tal-voti validi kollha mitfugħa, ikunu dikjarati eletti membri tal-Kumitat. Jekk wieħed biss mill-imsemmija żewg kandidati jkun ġab terż u wieħed tal-voti validi mitfugħa ikun dak il-kandidat biss li jiġi dikjarat elett;

(e) fil-każ li s-sehem ta' terz u wieħed tal-voti validi mitfugħa ma jkunx intleħaq miż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-ogħla numru ta' voti jew minn xi wieħed minnhom l-elezzjoni dwar kull vakanza mhux mimlija fuq il-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati ssir mill-ġdid bejn il-kandidati kollha li ma jkunux ġew eletti u l-ħtieġa li jinġieb mill-inqas terz u wieħed

VERŻJONI ELETTRONIKA

tal-voti validi mitfugħa ma tkunx tapplika dwar dik l-elezzjoni.

Meta jiġu nominati żewġ kandidati biss.

4. Jekk sa mill-bidu jiġu nominati żewġ kandidati biss, dawn għandhom jitqiesu li ġew eletti membri tal-Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati.

Il-Prim Imħallef imexxi l-laqgħa u l-elezzjoni.

5. Il-laqgħa u l-elezzjoni jitmexxew mill-Prim Imħallef u l-għadd tal-voti jsir minnu, assistit minn wieħed mill-Imħallfin, fil-laqgħa u fil-preżenza ta' l-Imħallfin.

Elezzjoni mill-Magistrati tal-Qrati Inferjuri.

6. L-istess regoli hawn imsemmija għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* għall-elezzjoni taż-żewġ maġistrati, b'dan illi, f'din il-laqgħa, il-Prim Imħallef, li jippresedi u jmexxi l-votazzjoni, ma jkollux id-dritt tal-vot.